ASSUMPTA EST.....

Btala ta' dwal u ta' dija, ta' hena u ta' mħabba, ta' safa u ta' qdusija! Fis-Saltna tas-Sema, ġriet ħafifa l-aħbar. Marija, l-Omm ħelwa ta' Ġesù, wara li temmet il-jiem tagħha fil-Wied tad-Dmugħ, se tiġi mtella' fis-Sema. Il-Ġenna kienet agħa waħda. Mewġa kbira ta' ferħ qamet u ħakmet is-Saltna t'Alla. L-Anġli, liebsin l-abjad u b'terħa tad-deheb ma' qaddhom, taru ferrieħa u ħallew ilsienhom għal għana l-aktar ħlejju. Bil-qawwa ta' Binha l-Feddej Marija rebħet il-mewt, u tielgħa rebbieħa fis-Saltna. Bil-ġisem ukoll: għax "*Kien ikun għajb illi s-Santwarju ta' Alla: jintradam qalb it-trab u ħerba, isir Bħal iġsma oħra, wirt id-dnub li tiegħu Ġisem Omm Verġni qatt ma kien irsir*". (K. Vassallo).

Wiċċha kien qed jarmi mrieżaq ta' dawl u dija; ilbiesha, abjad bla nikta, kien qed ilellex donnu frak tal-fidda; il-ħarsa safja ta' għajnejha kienet fiha seħer. Sabiħa! L-Anġli baqgħu mgħaġġba b'dik is-sbuħija li kienet se tkun s-Sultana tagħhom. U ferħu, u għannew: "*Quae est ista, quae ascendit sicut aurora consurgens, pulchra ut luna, electa ut sol, terribilis ut castrorum acies ordinata?*". Fil-beraħ tas-smewwiet kien hemm għaxqa. Il-jiem tad-dieq u l-qtiegħ il-qalb, il-jiem li raw għajnejn Marija jilmaw bid-dmugħ tanniket, intemmu. Ma' Kristu Binha xxierket fit-tbatija u Miegħu tixxierek fil-ġieh u fil-glorja. Il-Madonna qasmet ma' Ġesù t-triq imxewka tal-Kalvarju u llum għaddejja mit-triq tal-glorja. Id-Dmugħ li xerrdet fil-jiem tat-tbatija, inbidel f'ġawhar li jsebbħu l-kuruna li Alla l-Missier se jserraħ fuq rasha.

U l-ġrajja tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, ġriet minn fomm għall-ieħor. L-Appostli, imqanqla, qaluha lill-Insara. U l-Insara emmnu u faħħru 'l Alla. Issa kienu jafu li Ommhom Marija, bint Eva bħalhom barra l-ħtija, kienet fis-Sema u setgħet tidħol għalihom u tfarraġhom. U minn din l-emmna twieldu l-imqades f'ġieh l-Assunta. Mill-kbar, għonja, sa l-anqas wieħed fil-beraħ tar-raba jħaddar.

Iżda l-qalb li tħobb, toħlom dejjem kif tista' tgħolli aktar 'il fuq fil-ġieh lil min tħobb. U dan ħassitu ukoll il-qalb ta' l-Insara, u ħarsu lejn il-Belt ta' dejjem, xewqana li fomm il-Papa jgħid l-aħħar kelma. Id-dinja Kattolika, għarkubbtejha għad-dell tal-Vatikan, talbet lill-Papa jxandar Domma ta' Twemmin tagħna, it-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem. U minn fuq it-Tron ta' Pietru, Piju XII qal il-kelma u nieda t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem huwa domma li kulħadd għandu jemmen.

U d-Dinja Kattolika emmnet u tat ġieh 'l Alla. U taħt is-Sema kaħlani li għatta l-Belt Dejjiema fil-għodwa xemxija ta' l-1 ta' Novembru 1950, il-qlub ħabbtu b'ritmu ta' mħabba ġdida, u mill-għajnejn nibet dmugħ ta' faraġ.

Fuq id-Dinja f'riġlejn il-Vigarju ta' Binha, l-ASSUNTA kienet qed titbissem it-tbissima ssaħħar ta' l-imħabba.

* * *

Il-Madonna mietet f'Ġerusalemm. Kif toħroġ minn Ġerusalemm mill-

Bieb ta' San Stiefnu, timxi mas-sqaq ta' quddiemu u ssib ruħek fi triq wiesa'; bl-asfalt, għan-niżla. Tinżel ftit u tara ġnien sabiħ fuq ix-xellug, u ma' ġenb il-bieb tal-ġnien taraġ żgħir. Tinżel miegħu u tiġi f'bitħa. Max-xellug fil-bitħa, tara bieb ta' Knisja mingħajr knisja: la faċċata, la kampnari, la koppla, xejn. Bieb biss u fuqu saqaf. Dan il-bieb jagħti għall-Qabar tal-Madonna. Dan kien proprjetà tal-Patrijiet Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa, imma llum ma għadux, għax xi mitejn sena ilu kienu ħaduhulhom ix-Xismatiċi. Xi darba ngħidu kif ġie meħud minn għand il-Franġiskani.

Ħdejn il-bieb li semmejna jkun hemm qassis grieg, li jekk tidħol dan jagħtik xemgħa rqiqa mixgħula u tinżel ma' taraġ twil u wiesa'. Tasal f'art watja u fi dlam magħqud. Il-qassis jieħdok lejn il-lemin fejn hemm kamra żgħira maqtugħa fil-blat, u ġewwa fiha biċċa blata mħollija mal-ħajt, donnha gradenza. Hemm il-Qabar tal-Madonna. Fuq dik il-biċċa blata l-Appostli qiegħdu l-Ġisem safi ta' Marija, Omm Kristu, Alla u Bniedem, u għalqu l-bieb b'ħaġra kif kienet id-drawwa tal-Lhud.

San Tumas ma kienx ma' l-Appostli f'Ġerusalemm, meta mietet il-Madonna. Għalhekk, kif ftit wara wasal, riedhom jiftħulu l-Qabar ħalli jaraha għall-aħħar darba. Imma, meta fetħuh, ma sabuhiex hemm. Għal dan San Tumas sogħob bih wisq, u qagħad fuq ġebla barra, fil-wied, inewwaħ u jixher. Il-Madonna reġgħet niżlet mis-Sema u sabbritu biddehra tagħha, u qaltlu li Hi qiegħda bir-Ruħ u l-Ġisem ma' Binha Ġesù. Dan kulħadd jafu, għax igħiduh fil-prietki.

ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

GĦALL-IMGĦAKKSIN

Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa għandha DJAR, li tikri bla ebda ħlas lill-Insara foqra.

ĦOBŻ TA' SANT'ANTNIN

Fil-Kunvent ta' San Salvatur biss, jiġu mqassma aktar minn 2,000 ħobża kuljum u 850 platt minestra.

GĦAJNUNIET OĦRA

Fuq 800 ruħ, irġiel u nisa, huma miġburin fid-Djar għax-Xjuħ tal-Kustodja; 1,800 razzjon ħalib jingħataw kuljum lit-tfal. Imbagħad, kotba, pitazzi, u ħtiġijiet oħra jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra, u ħafna kura għall-morda.

GĦAR-RIFUĠJATI

65 Dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa. Mijiet ta' familji ta' rifuġjati tal-gwerra għandhom il-ħtiġijiet tagħhom mit-Terra Santa.

GĦALL-PELLEGRINI

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa middinja kollha, tgħin liż-żawwara fiż-żjarat tagħhom fis-Santwarji, u lilhom tilqa', tgħin u tpaxxi fit-tmien (8) Djar tagħha, imsejħin CASE-NOVE.